Nru. 955

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-PRESERVAZZJONI TA' SIĠAR

Artikolu 47 u 48 (5) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar tqis illi s-siġar individwali u l-gruppi ta' siġar li jinsabu fiż-żona mmarkata fil-pjanta f'paġna 9226, huma ta' valur estetiku, kulturali, arborikulturali, ekoloġiku u storiku. Hija temmen ukoll li għalhekk is-siġar għandhom jitqiegħdu fuq il-Lista ta' Siġar Skedati skond it-termini ta' l-artikolu 48(1) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li s-siġar imsemmija huma fil-perikolu li jiġu maqlugħa mill-għeruq, meqruda, miżbura, żmiċċati mid-dirgħajn, jew inkella li b'xi mod ieħor danneġġjati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Preservazzjoni ta' Siġar għar-rigward tas-siġar imsemmija hawn fuq, skond artikolu 47 u 48 (5) ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Is-siġar kollha li jinsabu fiż-żona mmarkata fil-pjanta mehmuża huma meqjusa bħala siġar skedati.

(ii) Għandu jsir kull sforz ħalli s-siġar jibqgħu fi stat tajjeb ta' saħħa.

(iii) Iż-żona murija fil-pjanta mehmuża għandha tibqa' ħielsa minn kull żvilupp.

(iv) M'għandu jintefa' l-ebda materjal jew isir ħruq fiż-żona ndikata jew fi mkejjen fil-madwar fejn tali tfigħ ta' materjal jew ħruq jista' jkun ta' ħsara jew periklu għas-siġar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk xi siġra issirilha xi ħsara jew tiġi meqruda bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettieq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att.

L-Att jahseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Siġra Skedata.

No. 955

EMERGENCY TREE PRESERVATION ORDER

Section 47 and 48(5) of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the individual trees and groups of trees to be found within the demarcated zone on the plan on page 9226, are of aesthetic, cultural, arboricultural, ecological and historical value, such as they should be listed as Scheduled Trees in terms of section 48 (1) of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the trees are in danger of being uprooted, destroyed, pruned, looped or otherwise harmed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Tree Preservation Order in respect of the above trees in accordance with sections 47 and 48 (5) of the Development Planning Act.

(i) All the trees found in the demarcated zone shown on the attached plan are to be considered as scheduled trees.

(ii) All efforts are to be made to ensure the continued well being of the said trees.


(iii) The zone demarcated on the attached site plan is to remain free from any development.

(iv) No deposition of material or burning is to be carried out within the indicated zone or in surrounding areas where such deposition of material or burning can be of damage or danger to the trees.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this Order.

If any tree is in any way damaged or destroyed in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act.

The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Trees.



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map:- Min E44259, N77143 Max E451041, N780731

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Tree Preservation Order:
San Pawl Il-Bahar

Il-Ballut tal-Wardija
Wardija
I/o San Pawl il-Bahar

Forest Remnants

Ref No. :- GF 166/98

Form No. :- MU003